Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 73

Data tal-laqgħa: 23 ta' Jannar 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

73.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

73.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 72 u Laqgħa tal-Lokalità Nru. 7. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

73.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier AG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ta' Laqgħa Nru. 72 ġew approvati. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier SG, il-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità Nru. 7 ġew approvati.

## 73.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

73.3.1.1 Para 72.3.1 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li l-*electrician* ikkonferma li l-*cover* tal-kulur li nxtara *online* huwa tajjeb u għalhekk is-SE ordnat il-kuluri roża, blu u aħmar għad-dawl kollu tal-akwadott.

73.3.1.2 Dwar id-dawl mal-arbli tal-bnadar tal-pjazza, l-*electrician* ġie jara u għandu jinfurmana dwar x'jista' jsir.

73.3.2 Para 72.3.4 – *Residential Parking Scheme*
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta.

73.3.3 Para 72.3.8 - *Speeding* fi Triq l-Annunzjata
Is-SE infurmat lit-tabelli twaħħlu.

**F'dan il-ħin (4.08pm) daħlet il-Viċi Sindku MLB għal-laqgħa.**

## 73.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

73.4.1.1 *Invoicing* tal-ġbir ta' skart organiku
Is-Sindku infurma li fil-laqgħa li għaddiet tar-Reġjun Tramuntana ħareġ li sar żball mir-Reġjun fejn jidħol il-mod ta' kif kienu qiegħdin jimmaniġġjaw il-ħlas relatati mal-ġbir tal-iskart organiku. Minn dak li ħareġ s'issa jidher lir-Reġjun ma mexiex maċ-Ċirkulari li nħarġet bħala gwida mid-DGL. Il-Kunsill qed jintalab li jirritorna madwar €16K lura lir-Reġjun. Ġie nnutat li 70% tat-tielet *tranche* (ġbir ta' skart) għaddiet direttament lir-Reġjun. Fil-każ tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan, din is-70% tammonta għal madwar €34K u li din trid tiġi rifonduta lill-Kunsill.

73.4.1.2 Is-SE qed tistenna direzzjoni mid-DGL dwar kif se nimxu u se ssir laqgħa mar-Reġjun biex tiġi diskussa din il-problema.

73.4.2 *Portal* 'Strada Rjali'
Is-Sindku infurma lir-Reġjun laħaq ftehim mal-*portal* 'Strada Rjali', fejn se jkunu qed jipproduċi *video* ta' minuta fuq il-ħidma ta' kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun Tramuntana.

73.4.3.1 Ilmenti fuq Wied Ħal Balzan
Is-Sindku ressaq numru ta' ilmenti minn xi residenti tat-triq:

1. Hemm 2 spralli tan-NFRP li qed jagħmlu l-istorbju. Dawn se jiġu rraportati lill-entità kkonċernata.
2. Hemm bżonn li jsir manutenzjoni tal-kaxxa tal-posta li hemm k/m Triq it-Tabib J Zammit. Se ninfurmaw lill-Maltapost plc.

73.4.3.2 Persuna mhix residenti talbet li jitneħħew il-qsari li hemm fejn il-kaxxa tal-posta (li kienu tpoġġew minn residenta minn dik iż-żona) peress li qed iservu ta' lok għall-klieb biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Il-Kunsill

ma jaqbilx li għandhom jitneħħew. Biex insebbħu ż-żona, il-Kunsill qabel li jixtri *pots* puliti peress li preżentament il-pjanti qiegħdin ġo bramel blu. Is-Sindku se jinfurma lir-residenta biex kif jinxtraw il-*pots,* tieħu ħsieb tħawwel il-pjanti fihom. Ovvjament, dawn issa jiġu proprjetà tal-Kunsill.

73.4.4 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati</u>
Is-Sindku staqsa dwar jekk għadx baqa' żmien biex tiġi implimentata din l-iskema. Is-SE infurmat li għandna ċans sal-aħħar ta' din is-sena. Qalet li ser tkun qed tiltaqa' mad-DPO sabiex iħejji *Data Protection Impact Assessment* (DPIA) taż-żoni fejn ser jiġu nstallati s-*CCTV cameras,* Kif isir d-DPIA, tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u tiġi diskussa *item* 73.6 peress li l-*accountant* tal-Kunsill kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 73.6 Rapporti

73.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti u jagħti xi spjegazzjonijiet u jirrispondi xi mistoqsijiet li jkollhom il-Kunsilliera.

73.6.2 <u>Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2023</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2023. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

73.6.3 <u>Rapport Finanzjarju għas-sena 2023</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2023. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-accountant ta xi spjegazzjonijiet u irrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

73.6.4 Fuq proposta tal-Kunsillier AG, li kien issekondat mill-Viċi Sindku MLB, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

73.6.5.1 <u>Estimi Finanzjarji 2024</u>
L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024, kif approvati fl-aħħar laqgħa, ġew ippreżentati lill-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet.

73.6.5.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier AG, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

## 73.4 Komunikazzjoni mis-Sindku - Kontinwazzjoni

73.4.5.1 <u>*Bins* f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-Sindku infurma li hemm id-*dog bin* ta' fejn il-*parking* ta' Smart Supermarket mimli. Se ninfurmaw lill-kuntrattur biex ibattlu.

73.4.5.2 Is-Sindku ppropona li jiġu nstallati *bin* u *dog bin* fejn il-*Bus Stop* ta' fejn l-ex-Dolphin Centre. Il-Kunsill qabel.

73.4.6 <u>*Diversion Signs* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Il-Kunsillier AG talab li jiġu nstallati tabelli fi Triq il-Ferrovija l-Qadima biex juru d-direzzjoni sakemm tkun lesta Triq San Franġisk. Se ninfurmaw lill-Perit ta' IM li qed jieħu ħsieb ix-xogħlijiet.

73.4.7 <u>Varar tal-*e-Readers*</u>
Is-Sindku qal li hemm bżonn li jiġu varati l-*e-Readers.* Is-Sindku ser ikun qed jieħu ħsieb li jiġu ssettjati bl-*e-books* u ser ikun qed jipprepara sett ta' regolamenti biex dawn, flimkien mal-kotba l-ġodda jiġu mislufa lir-residenti. Qed jiġi ppjanat li dan il-proġett jiġi varat fi Frar.

73.4.8.1 <u>Xogħlijiet minn l-Enemalta u WSC</u>
Is-Sindku infurma li l-Enemalta ser ikunu qed jagħmlu xogħljiet biex isaħħu d-distribuzzjoni billi jikkonnettjaw is-*substation* il-ġdida li hemm fi Triq l-Annunzjata ma' dik li hemm fi Triq it-Tliet Knejjes.

73.4.8.2 Is-Sindku infurma wkoll li WSC ser ikunu qed jagħmlu xogħlijiet fil-*main* tal-ilma fi Triq l-Annunzjata u Triq Wiġi Ebejer.

## 73.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

73.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 73.7 *Performance Bonus* għas-sena 2023 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

73.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-*performance* għas-sena 2023 tas-SE u l-ħaddiema klerikali. Is-SE irrakkomandat li, l-Assistent Prinċipal u ż-żewġ (2) skrivani *full-time* jingħataw il-massimu ta' 6%

73.7.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Assistent Prinċipal u ż-żewġ (2) skrivani. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju lit-tliet (3) impjegati.

73.7.3 Is-SE ġiet infurmata li m'hemmx bżonn toħroġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE (li kien preparat mis-Sindku) fil-preżenza tagħha. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

73.7.4 Il-Kunsill irringrazzja lill-ħaddiema klerikali u lis-SE tal-ħidma tagħhom.

## 73.8 Skemi Finanzjarji

73.8.1 <u>Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/01/2024 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema. L-ewwel prijorità ser tingħata lis-Salib li hemm fejn l-MFSA, ovvjament jekk jinsab fil-konfini ta' Ħal Balzan. Jekk jirriżulta li dan ma jagħmilx ma' Ħal Balzan, il-Kunsill qabel li napplikaw biex tiġi restawrata waħda mill-kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes.

73.8.2 <u>Skema Finanzjarja LESA – Proġetti fil-Komunitajiet 2024</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja maħruġa mill-LESA dwar Proġetti fil-Komunitajiet 2024. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex isiru bankini ġodda fi Triq iz-Zekkuk.

73.8.3 <u>Sebbaħ il-Lokal</u>
Il-PA qed jinfurmaw li l-iskema Sebbaħ il-Lokal ġiet imġedda u l-Kunsill għandu €50K disponibbli. Dawn il-fondi se jiżdiedu mal-bilanċ tad-*Development Planning Fund* (DPF), li sal-bidu ta' Ottubru 2023 jammonta għal €273,684.21.

## 73.9 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

73.9.1 <u>Triq Sisner</u>
Is-Sindku infurma lix-xogħlijiet fi Triq Sisner bdew. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni ta' IM li fil-kantuniera ma' Triq Idmejda hemm entratura ta' xelter tal-gwerra. Is-Sindku infurma wkoll li resident fit-triq qed jitlob kumpens lill-IM peress li saritlu ħsara mal-faċċata meta waħħlu t-tabelli ta' *No Parking*.

73.9.2 <u>Triq San Franġisk</u>
Is-Sindku infurma li għad hemm il-kwistjoni tal-bankina li saret f'k/m Triq San Gabriel peress li bil-mod li saret qed tostakola l-aċċess tad-*drive* ta' resident. Is-Sindku qal li qed nitolbu laqgħa ma' IM biex inkomplu ninsistu li din il-bankina tiċkien.

73.9.3 <u>Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta minn IM dwar jekk hux se jinkludu il-proposta tal-*Storm Water System* max-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tat-triq. IM qed jaħdmu l-BOQ tax-xogħol propost. Is-Sindku ssuġġerixxa li nitolbu laqgħa mal-Ministru l-ġdid għat-trasport, l-infrastruttura u x-xogħlijiet pubbliċi , Dr Chris Bonett. Il-Kunsillier AG se jieħu ħsieb jissettja l-laqgħa.

## 73.10 Ismijiet ta' toroq

73.10.1 Wara li l-Kunsill ra r-rispons negattiv għat-talba li jinbidlu l-ismijiet ta' tliet (3) toroq, il-Kunsill unanimament qabel li dawn m'għandhomx jinbidlu. Is-Sindku qal li hemm aktar modi kif jiġu onorati dawn il-personalitajiet.

73.10.2 **Gabriel Caruana**
Is-Sindku infurma li Daniel Muscat Caruana issuġġerixxa li jsir *mural* li tikkommemora lill-Gabriel Caruana mal-ħajt ta' mal-Għassa fi Triq Ġuże' Bonnici. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment. Biex nibdew irrid nġibu permess mill-familja ta' Gabriel Caruana u permess mis-sidien tal-ħajt (li huwa parti tal-Għassa u parti ta' resident).

73.10.3 **Konti Bernardo Manduca**
Is-Sindku ppropona li jsir bust fit-*traffic island* ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir bust li jikkommemora lill-Konti Bernardo Manduca. Se nġibu kwotazzjonijiet.

73.10.4 **Mons. Dun Ġwann Dimech**
Ġie propost li jsir bust fil-pjazza ta' Triq il-Qarċilla. Din il-proposta tiġi diskussa meta jitlestew ix-xogħlijiet ta' IM.

**F'dan il-ħin (5.40pm) il-Kunsillier AG talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

## 73.11 Jum San Valentinu 2024

73.11.1 Is-Sindku, flimkien mal-Viċi Sindku aġġornaw lill-Kunsill dwar l-attività li se ssir il-Ħadd 18 ta' Frar 2024 mis-6.30pm il'quddiem, fis-Sala Aurora. Din l-attività se ssir b'għajnuna finanzjarja mid-DGL.

## 73.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

73.12.1.1 ***Claim No. 03/2023***
Dwar it-talba għall-kumpens minn resident li qed jallega li saritlu ħsara fil-parapett fi Triq il-Ferrovija l-Qadima mill-kollettur tal-*Bulky Refuse,* is-Sindku qara l-parir tal-avukat tal-Kunsill. Il-Kunsill talab lill-kuntrattur biex jirrispondi għal dan l-allegat ħsara, fejn qal li huma m'għamlu l-ebda ħsara. Il-pulizija qalulna li bagħtu għall-kollettur tal-*Bulky Refuse* u ikkonkludew li m'hemmx provi biex jipproċedu.

73.12.1.2 Il-Kunsill iddiskuta u bi 3 voti kontra wieħed (il-Kunsillier ONDG), ġie deċiż li nimxu mal-parir tal-avukat u peress li m'hemmx provi suffiċjenti, it-talba għall-kumpens ma ġietx approvata.

73.12.2 **Proposta minn TM - Vjal De Paule**
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-proposta ta' TM dwar il-problema ta' *U-turns* fi Vjal De Paule. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jrid jitħalla aċċess għal Triq il-Linja, Ħ'Attard għall-vetturi li jkunu ħierġin minn Triq il-Ferrovija l-Qadima. Apparti minn hekk, jekk se jintużaw xi *bollards*, importanti li dawn ikunu viżibbli bir-*reflectors*.

73.12.3.1 **Dawl fi Triq Idmejda**
Resident qed jitlob li jiġi nstallat dawl fi Triq Idmejda l-parti ta' quddiem il-Melita peress li m'hemmx dawl f'dik il-parti. Is-SE spjegat li l-lanterni li hemm (responsabbli minnhom il-Melita Gardens) mhux qed jinxtgħelu peress lir-*restaurant* għalaq.

73.12.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiġi nstallat dawl f'din il-parti tat-triq. Se ninfurmaw lill-kuntrattur tal-i*street lighting* biex jara x'jista' jsir.

73.12.4 **Talba għal *zebra cross* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima**
Ġiet innutata r-risposta ta' TM għall-proposta biex issir *zebra cross* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima (bejn Vjal Sir M A Refalo u Vjal De Paule).

73.12.5 ***Malta Aerial Photography* – Ktieb ta' Joe L. Abdilla**
Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-Sur Abdilla dwar ktieb li ppubblika fl-2022. Il-Kunsill ma qabilx li għandna nixtru dawn il-kotba.

73.12.6 **Ċirkulari Nru SPI/SCI/06/2023 – Korsijiet *Lifelong Learning* 2024/2025**
Ġiet innutata Skema Finanzjarja SPI/SCI/06/2023 maħruġa minn DGL.

73.12.7.1 **Sessjonijiet għall-anzjani**
Il-Kunsillier SG ippropona li jiġu organizzati sessjonijiet ta' *ballroom / pilates* għall-anzjani. Din is-suġġeriment ma ġiex approvat peress li ma jħossx li jkun hemm interess għal dawn it-tip ta' sessjonijiet.

73.12.7.2 Il-Viċi Sindku MLB infurmat li l-*Health Promotion* joffru *lectures* b'xejn għall-anzjani fuq diversi temi relatati mas-saħħa. Il-Kunsill qabel li jsiru arranġamenti biex noffruhom fil-lokalità.

## 73.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

73.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 01/24, li tinkludi l-ammont ta' €38.00c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2023.

73.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier SG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

73.13.3 Minħabba kunflitt ta' interess, il-Viċi Sindku MLB assentat ruħha mill-approvazzjoni ta' pagament nru. 32 (transazzjoni nru. 16/24) u ta' pagamenti nru. 42 u 43 (transazzjoni nru. 26/24).

## 73.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

73.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm.

73.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar 2024 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 26 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |